MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1187/2014

Il-Pulizija

(Spettur Caroline Fabri)

Vs

Aleko Xomasuridze

Teimuraz Datashvili

MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D

Seduta ta' l-Erbgha 17 ta' Dicembru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Aleko Xomasuridze ta' 31 sena, iben David u Tamara nee' Betaevi, imwieled Telavi, Georgia fit-13 ta' April 1983 u residenti il-Gzira pero' indirizz mhux maghruf, numru tal-passaport 11BA14540 u Teimuraz Datashvili ta' 37 sena, iben Tamaz u Elizabeth nee' Kosashvili, imwieled Tbilisi, Georgia fit-13 ta' Marzu 1977 u residenti gewwa San Gwann pero' indirizz mhux maghruf, numru tal-passaport 11BA09575 talli nhar it-28 ta' Novembru 2014 ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin ta' filghodu minn gewwa ESE School of English fi Triq Paceville, San Giljan:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' bil-hsieb li jikkommettu serq ta' oggetti minn gewwa klassi fl-imsemmija skola, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom ghad-dannu ta' diversi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Lil Aleko Xomasuridze wahdu akkuzat talli nhar it-28 ta' Novembru, 2014 ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghodu (11:15hrs) f'San Giljan:

2. Harab minn post ta' kustodja u cioe' minn gewwa vettura tal-Pulizija f'San Giljan hekk kif kien qieghed jigi eskortat lejn l-Ghassa ta' San Giljan;

Lil Teimuraz Datashvili wahdu fl-istess data, hin, lok u cirkostanza akkuzat talli:

3. renda ruhu komplici fl-attentat delitt maghmul minn Aleko Xomasuridze meta xjentement, ghenu jew assistih sabiex id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat jew xewxu, inkella sahh il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew weghdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Ikkunsidrat

L-imputati jinsabu akkuzati b'tentattiv ta' serq minn gewwa skola. L-imputat Aleko Xomasuridze jinsab akkuzat ukoll li harab minn post ta'

kustodja; u Teimuraz Datashvili akkuzat ukoll li rrenda ruhu komplici fl-attentat delitt maghmul mill-imputat l-iehor.

Illi mix-xhieda u dokumenti in atti jirrizulta li fit-28 ta' Novembru 2014 ftit wara l-ghaxra ta' filghodu l-imputati dahlu fl-iskola ESE School of English fi Triq Paceville, San Giljan. Dak il-hin l-istudenti kellhom il-brejk. Fix-xhieda tieghu Kain Azzopardi[1], impjegat fl-iskola, xehed li fl-ghaxra u ghoxrin ta' filghodu huwa kien xoghol mad-*desk* u nduna biz-zewg imputati li kienu dahlu fl-iskola. Huwa mill-ewwel induna li ma ma kienux studenti ghaliex l-istudenti kollha jghaddu minn quddiem id-*desk* tieghu w allura lill-istudenti jaghrafhom. Huwa ra lill-imputati dehlin fil-*bathrooms* taghhom, regghu hargu wara zewg sekondi u daru lejn in-naha tal-klassijiet tat-tarag taghhom tal-iskola. Sadanittant ghajjat lil Glen Scicluna, impjegat iehor fl-iskola, u marru wara z-zewg imputati biex jaraw fejn kienu sejrin. Glen Scicluna tela' t-tarag qablu u qabduhom fit-tieni sular qalb il-klassijiet tal-istudenti. Huwa jaf li kellhom zewg basktijiet fuqhom wara darhom u gharaf il-basket l-ahmar ezebit in atti. Huwa rahom ma' Glen fil-kuridur tat-tieni pjan.

Glen Scicluna[2] ikkonferma li kien Kain Azzopardi li kien ghajjatlu ghall-ghajnuna x'hin ra zewg persuni suspetti li dahlu fl-iskola meta ma kienux studenti. Huwa urih li dawn l-imputati (li huwa gharaf fl-Awla) bdew telghin it-tarag. Ix-xhud beda jimxi warajhom u kif wasal fit-tieni pjan sab wiehed minnhom fil-komun u x-xhud baqa' tiela' ghalih. Hekk kif dan induna bix-xhud ghajjat bil-lingwa taghhom lill-iehor u sab lill-persuna l-ohra gewwa wahda mill-klassijiet. Kif wiehed mill-imputati hareg mill-klassi zamm lit-tieni wiehed u talbu l-karta ta' l-istudenti. L-ewwel qallu li qeghda ghand l-iehor imbaghad tkellem ma' l-iehor bil-lingwa taghhom u qallu li kienu qeghdin ifittxu lil certu Antoinette li hija ghalliema. Ix-xhud qallu li ma kienx hemm Antoinette u ghajtu lill-uniku Antoinette li kien hemm u din ma rrikonoxxitx lill-imputati.

[1] Seduta tal-10 ta' Dicembru 2014
[2] Seduta tal-10 ta' Dicembru 2014

Imbaghad huwa u kollegi ohra tieghu nizlu lill-imputati isfel fil-komun u nfurmaw lill-Pulizija. Il-Pulizija bdew jistaqsu lill-imputati u x-xhud qal li sabu mus fuq wiehed minnhom, kellhom zewg backpacks totlament vojta u t-tnejn li huma kienu bil-brieret. Meta dan ix-xhud rega' xehed in kontro-ezami[3] huwa kkonferma li huwa ra lil wiehed mill-imputati (li identifika bhala Xomasuridze) li dahal fil-klassi izda ma rahx imiss xi basktijiet ta' xi studenti u dan kuntrarjament ghal dak li tnizzel fir-rapport[4] u kif xehed PS1245 Klaus Mifsud[5].

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Joseph Saliba[6] li Aleko Xomasuridze ghandu work permit mentri l-imputat l-iehor m'ghandux. Mix-xhieda imbaghad ta' Joseph Degiorgio[7] irrizulta li Xomasuridze qatt ma hadem mal-kumpanija tieghu.

PS1245 Klaus Mifsud xehed ukoll li huwa u pulizija iehor eskortaw lil Aleko Xomasuridze maghhom fil-vettura mill-iskola direzzjoni lejn l-Ghassa ta' San Giljan. Hekk kif waslu fejn ir-*roundabout* ta'quddiem l-Ghassa ta' San Giljan kellhom jieqfu minhabba t-traffiku u l-imputat Aleko Xomasuridze f'daqqa wahda fetah il-bieba u harab mill-karozza. Ix-xhud gera warajh u l-imputat inqabad Lapsi Street.

Illi l-imputati ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri. Jirrizulta mill-istqarrijiet taghhom li huma jichdu li dahlu fl-iskola bil-hsieb li jisirqu. Izda marru hemm biex ifittxu ghalliema ghaliex Aleko Xomasuridze ried jistaqsi biex jitghallem l-Ingliz. It-tnejn sostnew li t-tnejn jahdmu. Datashvili qal li kien sejjer jahdem ghall-habta ta' nofsinhar u l-imputat l-iehor li kien qieghed ighin lil habib tieghu jaghmlu l-gypsum imma xtaq isib xoghol tajjeb u ghalhekk mar l-iskola.

---

[3] Seduta tas-16 ta' Dicembru 2014
[4] Dok KM
[5] Seduta tal-15 ta' Dicembru 2014
[6] Li xehed in rapprezentanza ta' l-ETC fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014
[7] Sid tal-kumpanija MCCS li xehed fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2014

Illi l-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Christopher Sammut**[8] fejn intqal:

*"Ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, dik ta' tentattiv ta' serq mill-istess lukanda fil-31 ta' Dicembru tal-istess sena, hawn ukoll l-imputat jinsab fuq ix-xena, izda l-presenza tieghu wehidha ma tistax twassal ghal tentattiv ta' serq. Ma rrisultax li kien hemm tentattiv ta' sgass, jew ta' dhul b'forza jew b'mezzi ohra. Kull ma hemm hu l-imputat qed igib ruhu b'mod suspettuz ghall-ahhar ghas-sidien tal-lukanda. Dan wahdu pero' mhux sufficjenti sabiex tinstab htija fl-imputat ghal din l-akkuza. Fil-verita', l-anqas jista' jinghad li kien hemm tentattiv ta' serq dakinhar. X'seta' kellu f'mohhu l-imputat wiehed jista' jissoponi u jista' jissuspetta, u l-presenza tieghu hemm xejn m'hi felici, izda zgur ma jistghux iwasslu ghal imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq. Semmai l-imputat kien imissu tressaq fuq reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' ta' terzi, u dhul fi hwejjeg haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid, izda mhux ta' tentattiv ta' serq. Suspett wahdu, plawsibbli kemm hu plawsibbli, ma jistax iwassal ghal kundanna, aktar u aktar jekk l-anqas gie kommess reat ta' tentattiv ta' serq. Ma rrisultax li kien hemm atti preparatorji biex issir serqa, u ghalhekk dik l-imputazzjoni ma tirrisultax ippruvata.*

*Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jipprova jilghabha tal-iblah u jghid li ma jiftakarx ghalfejn kien qieghed fil-lukanda fiz-zewg okkazjonijiet. Il-Qorti assolutament ma temnux meta jipprova jghid li nesa ghalfejn mar f'post fejn soltu ma jmurx u ma jaghti ebda spjegazzjoni plawsibbli. Izda, kif gia' qalet il-Qorti, din wehidha ma hiex bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat."*

Illi din il-Qorti tqis li dan il-bran mis-sentenza succitata ghandu jsib l-applikazzjoni tieghu anki fil-proceduri odjerni. Infatti mill-provi in atti jirrizulta biss li l-imputati dahlu fl-iskola b'bbackpack vojt u li huma

[8] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-15 ta' Marzu, 2012

mhumiex studenti f'din l-istess skola. Ma jirrizulta li kien hemm l-ebda sgass jew li huma dahlu b'xi forza. Jirrizulta li huma telghu fit-tieni pjan u li meta Glen Scicluna tela' fuq sab lill-wiehed mill-imputati fil-kuridur u lill-imputat l-iehor li kien dahal fi klassi. Hekk kif l-imputat li kien qieghed fil-kuridur ra lil Scicluna ghajjat lill-iehor u dan hareg. Ghalhekk filwaqt li l-presenza ta' l-imputati fl-iskola mhix wahda felici ghaliex il-Qorti ma temminx il-versjoni taghhom li kienu qeghdin ifittxu lil xi hadd, madankollu l-presenza taghhom wahedha fl-iskola ma twassalx ghal kundanna ta' tentattiv ta' serq. Seta' wassal ghal kundanna ta' xi reat iehor imma mhux tentattiv ta' serq. Oltre' dan ma jistax ma jigix rilevat li filwaqt li PS1245 Klaus Mifsud xehed u fir-rapport gie indikat li Glen Scicluna kien ra lil wiehed mill-imputati fil-klassi jmiss l-basktijiet tal-istudenti dan gie michud mill-istess Glen Scicluna li kien konsistenti fix-xhieda tieghu u li qal li huwa ma ra lill-ebda imputat imiss xi basktijiet izda ra lil Xomasuridze fi klassi. Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta u lanqas it-tielet imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat Datashvili.

Illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni din irrizultat mix-xhieda ta' PS1245 Klaus Mifsud. Infatti rrizulta li l-imputat Xomasuridze kien diga' taht arrest meta kien qieghed fil-vettura tal-Pulizija u kien qieghed jigi skortat l-Ghassa ta' San Giljan.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberahom minnha, ma ssibx lill-imputat Teimuraz Datashvili hati tat-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha u wara li rat l-artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Aleko Xomasuridze hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-hati Aleko Xomasuridze bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------